MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 25/2005/1

**Carmelo Grima**

**vs**

**James McClean**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Novembru, 2008, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Bord
>
> Ra r-rikors promutur li jghid hekk:
>
> "Illi l-intimat jikri l-garaxx internament markat bin-numru wiehed [1] sottospost ghall-blokk ta' appartamenti maghruf bhala Villa Vienna, Triq Anton Schembri, Kappara, San Gwann versu l-

hlas ta' mitejn lura [Lm200] fis-sena pagabbli kull sitt xhur bl-iskadenza li jmiss hija dik tat-22 ta' Marzu, 2005;

Illi l-esponent ghandu bzonn il-garaxx ghall-uzu personali tieghu."

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat:

"Illi l-intimat b'ftehim datat 20 ta' Frar, 1992 beda jikri minghand Richard Micallef l-appartament numru 4, 'Villa Vienna' fi Triq Anton Schembri, il-Kappara bil-kera ta' Lm90 fix-xahar;

Illi meta saret il-kirja fl-20 ta' Frar, 1992, bejn l-intimat u Richard Micallef, din saret tal-appartament numru 4, fil-blokk 'Villa Vienna', Triq Anton Schembri, il-Kappara u tal-garage numru 1 sottostanti ghal dan il-blokk ta' appartamenti, billi l-intimat ma riedx jikri l-appartament minghajr il-garage. Dan il-garage ghandu l-entratura minn Triq Bufala, Kappara;

Illi ghaldaqstant il-kirja hija wahda u indivizibbli u r-rikorrenti ma jistax jitlob l-izgumbrament tal-intimati mill-garage li gie mikri flimkien mal-apppartament;

Illi sussegwentement, fit-23 ta' Marzu, 2002, l-intimat fuq talba ta' Richard Micallef, accetta li jgholli l-kera tal-garage ghal Lm200 fis-sena pero l-kirja baqghet wahda tal-appartament bil-garage;

Illi b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino datat 18 ta' Gunju, 2004, Antonia Micallef, li tigi omm sid il-kera Richard Micallef tat b'donazzjoni lil Carmelo Grima nofs indiviz ta' dawn is-sitt garages li jinsabu taht 'Villa Vienna';

Illi ghalhekk, minghajr pregudizzju ghal dak sottomess, il-gudizzju mhuwiex integru ghaliex ir-

rikorrent huwa sid ta' nofs indiviz biss ta' dawn l-appartamenti u garaxxijiet;

Illi l-intimat James McClean huwa cittadin Malti mis-26 ta' Gunju, 1996 u ilu jirresjedi f'dan l-appartament mill-1992;

Illi minbarra dan il-garage numru 1, ir-rikorrenti jippossjedi 5 garages ohra, li minnhom 2 huma vakanti u ghalhekk mhuwiex minnu li r-rikorrenti ghandu bzonn proprju ta' dan il-garage ghal uzu personali tieghu."

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Decizjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari:

Illi din id-decizjoni tirrigwarda l-ewwel sitt paragrafi tar-risposta tal-intimat li huma essenzjalment tnejn u cioe, wahda dwar l-indivizibilita' tal-kirja u l-ohra li l-gudizzju mhux integru. Naturalment it-tieni eccezzjoni ghandha tkun deciza qabel l-eccezzjoni tal-indivizibilita' tal-kirja.

**Gudizzju integru**: L-intimat issoleva din l-eccezzjoni billi jghid li r-rikorrent huwa biss sid ta' nofs indiviz tal-appartament u garaxx de quo. Fl-ewwel lok irid jinghad illi l-gurisprudenza dwar dan il-punt hija diviza bejn dik l-iskola li tezigi li f'kawzi ghar-ripresa ta' fond jehtieg il-partecipazzjoni tas-sidien kollha u l-iskola l-ohra li taccetta anke l-interess ta' wiehed biss mis-siden koppropretarji biex kawza tkun validament proposta kontra inkwilin. Issa fil-kaz in dizamina, r-rikorrent jghid li hu propretarju tal-appartament u garage (ara avvidavit fol 5). Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino (1 t'Ottubru 2004), r-rikorrent xtara minghand Richard Micallef in-nofs

indiviz tal-appartamenti 1 u 3 formanti part9 mill-blokk Villa Vienna, Triq Antonio Schembri, Kappara kif ukoll in-nofs indiviz tal-garaxxijiet 1, 2 u 3 taht l-istess blokk. L-intimat stess jiddikjara fir-risposta tieghu illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino tat-18 ta' Gunju 2004, Antonia Micallef, omm Richard Micallef, kienet tat b'donazzjoni lil Carmelo Grima, n-nofs indiviz tas-sitt garaxxijiet li jinsabu taht Villa Vienna. B'hekk jirrizulta illi r-rikorrent Carmelo Grima huwa s-sid tal-ishma kollha tal-garaxx mertu tal-kawza. Dan kien maghruf lill-istess avukat li ffirmat n-nota risponsiva f'dan ir-rikors meta f'ittra tas-17 ta' Dicembru 2004 esebita bhala Dok AA2 a fol 58 tghid hekk: In the first place I would like to thank you for the copies of the two deeds whereby flat number 4 which forms part of "Villa Vienn" in Anton Schembri Street, San Gwann, was transferred to you client Mr. Carmelo Grima. In view of this my clients will be paying the rent to your client and I hope that due receipt of this will be given to my clients". Ghalhekk, filwaqt illi l-Bord ma jistax jifhem ghaliex l-intimat ressaq din l-eccezzjoni, l-kwistjoni dwar jekk l-gudizzju hux integru o meno ma tehtieg ebda ezami ulterjuri u ghal dawn il-mottivi il-Bord qed jichad din l-eccezzjoni.

**Indivizibilita' tal-kera**:

L-intimat jikkontendi illi l-lokazzjoni tieghu hija wahda w indivisibbli u li din tkopri l-appartament numru 4 fil-blokk "Villa Vienna", Triq Anton Schembri, Kappara flimkien mal-garaxx numru 1 sottostanti l-istess blokk.

Skond skrittura privata bid-data tal-20 ta' Frar 1992 esebita a Fol 15, Richard Micallef, is-sid precedenti tal-fondi, kien kera lill-intimat l-fond No.4 Villa Vienna ghal perjodu ta' sena mill-1 ta' Marzu 1992 versu l-kera ta' disghin lira maltin (Lm90) fix-xahar. Din l-iskrittura ma ssemmi ebda

garage, izda, l-intimat jipprovdi raguni ghal dan il-fatt kif jidher aktar tard. Richard Micallef, xehed bil-procedura tal-affidavit izda ma kienx sar il-kontro-ezami tieghu stante li miet fil-mori tal-kawza. Dan qal li l-kirja kienet biss tal-appartament u wara numru ta' snin l-intimat talbu garaxx u fil-fatt kien krielu wiehed milli hemm sottopost ghall-blokk. Fit-28 ta' Marzu 2002 Richard Micallef kera lill-intimat garaxx akbar minflok il-garaxx l-iehor u dan bil-kera ta' Lm200 fis-sena. Dan il-garaxx ghandu in-numru 1 u Micallef jghid li din hija kirja separata mill-appartament.

L-intimat jikkontendi illi l-appartament u l-garaxx inkrew flimkien. L-intimat kien accetta li jikri l-appartament purche' dan ikollu mieghu garaxx u Richard Micallef kien qabel li jekk il-garaxx li hemm taht il-blokk huwa tajjeb ghall-intimat, jista' jiehdu ukoll bil-kera. L-intimat beda jhallas is-somma ta' Lm90 fix-xahar taz-zewg fondi u dan minkejja li l-iskrittura ma jsemmix il-garaxx in kwistjoni. Huwa qal li kien hemm "a gentelman's agreement" dwar il-garaxx u qatt ma kellu problema dwar il-fatt li dan ma jissemmiex fl-iskrittura..

Jirrizulta mill-atti illi hemm ktieb tal-kera ghar-rigward l-appartment u ktieb separat ghar-rigward tal-garaxx. L-ircevuti fir-rigward tal-appartament jghidu hekk: Received from Mr. James McClean the sum of ninety Malta Liri (LM90) being rent for the period [perjodi mill-ewwel sal-ahhar ta' kull xahar] for No.52 Flat 4, Villa Vienna, Antonio Schembri Street, Kappara as per lease agreement dated 20th February 1992" u dan sal-ircevuta bid-data tad-19 ta' Frar 2005 ghaliex mit-3 t'April 2005 l-ircevuta bdiet tinhareg bhala "rent without prejudice for the period....." Ir-rikorrent esebixxa ukoll fotokopja ta' librett ta' ricevuti tal-kera fir-rigward ta' garaxx numru 1 taht Villa Vienna. L-ewwel ricevuta ggib id-data tat-23 ta' Marzu 2002

u din tghid hekk: “Received from Mr. James McClean the sum of one hundred Maltese Liri being rent for garage No. 1 under Villa Vienna Flats Kappara for period 23/03/02 to 22/09/02. B’hekk jidher li kienet qed tithallas kera ta’ Lm100 kull sitt xhur jew Lm200 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem. L-ahhar ricevuta esebita ggib id-data tat-13 ta’ Awissu 2004 ghall-perjodu 23/9/04 sa 22/3/05.

L-ircevuti esebiti mill-intimat bhala Dok AMB 3 a fol 86 li inhargu bejn l-4/7/98 sa 8/2/99 juru hlas ghall-kera tal-appartament wahdu u dawn kien kwalifikati billi tnizzel il-kliem “part furnished flat as per list o/leaf”. Ir-ricevuti esebiti mill-intimat Dok AMB 4 huma biss dwar il-kirja tal-appartament. Id-Dok AMB 2 mahruga mit-23 ta’ Marzu 2002 jirreferu ghall-garaxx.

Fix-xhieda tieghu, l-intimat jghid li l-appartament u l-garaxx krihom fl-istess gurnata minghand Richard Micallef versu l-kera ta’ Lm90 fix-xahar skond l-iskrittura esebita a fol. 15 minkejja li din l-iskrittura ma ssemmi ebda garaxx. Minkejja dan, hemm ktieb tal-kera ghall-appartament u iehor separat ghall-garaxx. Hu jghid li kien hemm zmien meta s-Sur Micallef kien fi problemi finanzjarji u ppropona l-bejgh tal-garaxx lill-intimat li da parti tieghu irrifjuta minhabba l-prezz mitlub. L-intimat izda, accetta l-proposta li jibda jhallas Lm200 fis-sena tal-garaxx, l-istess wiehed li jghid li kien kera mal-appartament. Mart l-intimat xehdet l-istess detallji moghtija minn zewgha u ziedet tghid li l-iskrittura ma ssemmix garaxx ghax Villa Vienna tkopri l-garages li jinsabu tahtha.

Ikkonsidra:

Illi huwa pacifiku illi fejn hemm xi dubju fl-interpretazzjoni ta’ kuntratt ta’ lokazzjoni dan ghandu jmur favur il-kerrej (ara Mary Pace vs C. Fino & Sons Ltd – App 17/2/2003) Minn ezami ta’

sentenzi tal-Qrati taghna jidher li t-tendenza hi li l-Qorti ghandha ttendi biex tikkonserva l-kirja. Fil-kaz in dizamina l-intimat jikkontendi li l-iskrittura orginiali tal-kera tal-appartament kienet ukoll tkopri l-garaxx. Mix-xhieda vantata mill-intimat jirrizulta illi s-sidien taz-zewg fondi kienu kawti hafna fl-amministrazzjoni tal-beni taghhom. Fl-ewwel lok l-appartament inkera in forza ta' skrittura dettaljata – haga li fl-esperjenza ta' dan il-Bord hija pjuttost l-eccezzjoni ghaliex il-kuntratt ta' kera fil-maggor parti tal-kazi ikun kostitwit bl-ewwel ricevuta bhala prova tal-kuntratt u hlas relattiv. F'din l-iskrittura ma jissemma ebda garaxx u dwar dan huma konkordi l-partijiet. Dan konstatat, jistaqsi dan il-Bord, ghaliex l-istess sidien ma ghamlu l-ebda provvediment dwar il-garaxx jekk dan verament kien mikri flimkien mall-appartament? Jekk din sfuggiet liz-zewg partijiet, kif allura l-ircevuti tal-appartament dejjem harget b'deskrizzjoni cara u inekwivoka bl-eskluzzjoni tal-garaxx? Kif fuq indikat, l-ircevuta tal-appartament, wara ftit zmien kienet mizjuda bil-kliem, "part furnished as per list overleaf". Dan ifisser li kien jehtieg kjarifika fil-kondizzjoni tal-kera tal-appartament ghal wiehed "part furnished" u din kienet debitament annotata fl-ircevuta izda meta si tratta ta' garaxx li ghandu valur ferm akbar minn ftit ghamara fi flat, l-partijiet hassew li ma hemmx htiega li din tkun kjarifikata fl-iskrittura jew fl-ircevuti. Irid jinghad ukoll illi huwa tassew inverosimili l-verzjoni tal-intimati li accettaw li jibdew ihallsu Lm200 fis-sena ghall-garaxx meta huma gia kienu qed ihallsu ghalih fil-kera kompriza ghall-apartament fl-ammont ta' Lm90 fix-xahar. Ix-xenarju fejn kerrej qed ihallas ta' fond b'din ir-rata, issirlu proposta mis-sid biex jibda jhallas Lm200 fis-sena separatament ghall-garage u din tkun accettata minghajr tlaqliq mhix wahda attendibbli;

Ghalhekk il-Bord qed jirrispingi l-eccezzjoni tal-intimati li l-kirja hija wahda u indivizibbli ghaliex hawn si tratta ta' zewg kirjiet separati, wahda tal-

> appartament u ohra tal-garaxx u ghalhekk qed jirrispingi l-eccezzjoni tal-intimati bl-ispejjez kontra taghhom.**”**

L-intimat appella minn din is-sentenza preliminari bl-aggravju ewlieni illi l-Bord kien messu laqa’ l-eccezzjoni tieghu li l-kera tal-garaxx u ta’ l-appartament kienet wahda u indivizzibbli u ghadda biex irrespinga t-talba tar-rikorrenti ghat-tehid lura tal-garaxx;

Bir-rikors ta’ l-appell tieghu l-appellanti jikkwerela r-ragonament tal-Bord b’dawn is-sottomissjonijiet:-

(1) *In primis*, il-Bord ma messux ikkunsidra x-xhieda bl-affidavit ta’ Richard Micallef, gja ko-proprjetarju tal-fond, ghaliex dan miet fil-mori tal-kawza u huwa ma kellux l-opportunita` jikkontro-ezaminah;

(2) F’kull kaz la l-Bord kien rinfaccjat b’zewg versjonijiet diametrikalment opposti dan kellu jiffavvorixxi lilu ghax jigi li r-rikorrenti ma ddizempenjax ruhu mill-piz tal-prova in bazi ghall-principju *onus incumbit ei qui dicit non ei qui negat*;

(3) Il-versjoni tieghu u ta’ martu kienet wahda cara u attenibbli fis-sens illi l-kirja tal-garaxx kienet kontemporanja ma’ dik ta’ l-appartament;

Minn naha tieghu r-rikorrenti appellat jirribatti dawn is-sottomissjonijiet bil-mod segwenti:-

(1) Il-mewt ta’ Richard Micallef ma kellhiex tattakka l-validita tax-xhieda tieghu u li, f’kull kaz, hi korroborata mid-dokumenti kollha relatati mal-kirja li saret. *Inter alia*, l-iskrittura nnifisha ta’ lokazzjoni tal-20 ta’ Frar, 1992 esebita a fol. 15, u l-libretti separati tar-ricevuti tal-kera ta’ l-appartament u tal-garaxx;

(2) Oltre dawn, fir-rigward tal-garaxx *de quo* il-kirja tieghu bdiet fit-28 ta' Marzu, 2002 u dan ifisser illi l-partijiet ftehmu kirja gdida ta' garaxx gdid li ma kienx l-istess wiehed li l-intimat kien jikri precedentement;

(3) Il-garaxx u l-appartament ma jmissux lanqas ma' xulxin u dan, flimkien mal-provi l-ohra prodotti, jindika li l-kirja ta' l-appartament u dik tal-garaxx saru separatament;

Huwa principju pacifiku u kostanti tal-Bord illi kerrej ma jistax jigi zgumbrat minn parti biss tal-fond mikri. Fi kliem iehor, is-sid ma jistax jippriva lill-kerrej mit-tgawdija ta' parti mill-fond u "ghaldaqstant, meta zewg fondi huma mikrija bhala oggett ta' kirja wahda u b'kera wiehed, ma jistax is-sid jitlob ir-ripreza tal-pussess ta' wiehed minn dawk il-fondi" ("**Carmelo Fenech -vs- Carmelo Azzopardi *et***", Appell Civili, 25 ta' Jannar, 1954). Kif issokta jigi spjegat, "dan ghaliex il-ligi ma taghtix lil Bord il-fakolta li jaqsam fond bejn sid il-kera u l-inkwilin" ("**Maria Vella *et* -vs- Paolo Grech**", Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1965;

Premessa din il-preliminari rakkolta mill-gurisprudenza, il-kwestjoni kollha fil-kaz prezenti tirrizolvi ruhha fl-indagini jekk jitrattax minn kirja *quid unum* ghall-appartament u l-garaxx kif allegat mill-appellanti, jew, altrimenti, kif hekk kontez mill-appellat, minn zewg kirjiet separati u distinti. Kwestjoni bhal din, certament, anke in vista ta' l-ezistenza ta' zewg versjonijiet dijametrikalment opposti, tinvolvi l-adozzjoni tal-principju ta' l-oneru tal-provi;

In linea generali, kif ukoll minn din il-Qorti bosta drabi ritenut, huwa ben konoxxut illi l-karattru favorevoli tal-fatti allegati hu kriterju siewi ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi li jorbot dan l-istess oneru ma' l-interess tal-verifika tal-fatti favorevoli, sija jekk dawn jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat (*actori incumbit probatio*), sija dawk prodotti ghab-bazi ta' l-eccezzjoni sollevata biex tikkontrasta l-

pretensjoni ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Fil-kaz in ezami l-prova relattiva ta' l-indivizibilita` tal-kirja ta' l-apparatemnt u tal-garaxx kienet tispetta lill-appellanti ghax kien hu li ssolleva l-eccezzjoni biex jikkumbatti l-pretensjoni tar-rikorrenti appellat ghar-ripreza tal-garaxx, u la l-allegazzjoni kien qed jaghmilha hu, il-piz li jipprova din l-istess allegazzjoni kienet inkombenti fuqu;

Fil-fattispeci, l-appellanti jikkampa ruhu b'mod esklussiv fuq it-testimonjanza tieghu u ta' martu biex isostni t-tezi illi huma ma kienux ha jiehdu b'lokazzjoni l-appartament minghajr il-garaxx. Kontra din it-tezi tezisti dik l-ohra diversa ta' l-appellat bazata preponderantement fuq il-kontenut ta' l-iskrittura ta' ftehim tal-kijra in referenza ghall-appartament biss, u dawk tal-provi l-ohra esposti fit-twegiba ta' l-appell tieghu kif hawn fuq rijassunti;

In mertu ghal dawn l-aspetti sostanzjali ta' naha u ta' ohra l-Qorti jidhrilha opportun li taghmel il-konsiderazzjonijiet li gejjin:-

(1) L-ewwelnett, kif gja f'okkazjoni ohra rilevat minnha, il-Qorti thossha fid-dmir li tirrepeti illi "mhuwiex insolitu li tribunal jew qorti isibu ruhhom rinfaccjati b'zewg versjonijiet anke dijametrikalment opposti, pero` kif jinsab osservat "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo* (**Vol. L P II p 440**), ossija l-applikazzjoni tal-massima *actore non probante reus absolvitur*. Dik il-qorti jew tribunal ghandhom ifittxu, jezaminaw u jisiltu mill-provi dak is-sostenn u dik ic-certezza morali li taghmel il-versjoni l-wahda aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Dan anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi hekk generalment meqjus bhala sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Huwa biss fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-versjonijiet huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli illi allura ma jibqax lecitu li l-gudikant jifforma opinjoni motivata fuq probabilitajiet u l-

preopondenranza. Ara "**Joseph Vincent Rausi -vs- Joseph Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1992". Din is-silta hi mehdua mis-sentenza fl-ismijiet "**Interior Finishes Supplies Ltd -vs- Ian Tabone**", (Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar) tat-8 ta' Gunju, 2005;

(2) Indubitament, fil-kumpless tal-provi li tressqu mill-partijiet l-iskrittura ta' lokazzjoni (fol. 15) taghmel effikacja probatorja qawwija. Huwa veru li gudikant hu liberu li japprezza l-kontenut taghha fil-konkors ma' elementi probatorji ohra akkwiziti fil-process, u jista' wkoll jiddezattendi dak il-kontenut. Fil-kaz prezenti dan l-apprezzament mhux biss ma kienx meritevoli ta' gudizzju u ta' konkluzjoni bhal din izda l-Bord, korrettement hafna fil-fehma tal-Qorti, ikkonsidra dik l-iskrittura bhala dokument idoneju ta' prova rapprezentativa tal-fatt fih dokumentat. Jigifieri, li dak li nkera lill-appellanti fiz-zmien ta' l-iskrittura (20 ta' Frar, 1992) kien biss l-appartament, u mhux ukoll l-appartament u l-garaxx flimkien. Ankorke, *gratia argomenti*, wiehed kellu jiskarta x-xhieda ta' Richard Micallef, jew, altrimenti, iqisha b'cirkospezzjoni ghal dik ir-raguni sottomessa mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu, xorta wahda jkollu jinghad illi l-oggett tal-prova li taghmel dik l-iskrittura ggorr maghha l-piz debitu kontra l-asserzjoni ta' l-istess appellant illi huwa kera flimkien il-flat u l-garaxx. Meta, imbaghad, mal-portata ta' din l-iskrittura jigu akkumulati r-rizultanzi istruttorji l-ohra l-aktar sinjifikattivi senjalati mill-Bord fis-sentenza appellata, jew mill-appellat fil-korp tar-risposta tieghu ghall-appell, din il-Qorti, ukoll jekk assistita mill-kriterju generali tac-certezza morali, ma tarax kif tista' ssostni l-versjoni ta' l-appellanti kontra l-miktub jew, altrimenti, li twarrab ir-ragonament u l-konkluzjoni tal-Bord fuq il-kwestjoni;

(3) Hemm forsi osservazzjoni wahda x'issir fil-konfront tad-deduzzjoni ta' l-appellat illi l-kirja tal-garaxx *de quo* li saret fit-28 ta' Marzu, 2002 ghandha titqies bhala ftehim ta' kirja gdida ta' garaxx gdid u divers minn dak precedenti. Kieku l-fatti kienu xort'ohra minn dawk li fuqhom il-Bord sejjes il-konkluzjoni tieghu, u, ghall-grazzja ta' l-argoment il-kirja originali kienet komprensiva sew ta'

l-appartament u tal-garaxx flimkien, il-fatt li saret kirja ta' garaxx gdid fl-2002 ma toperax dik in-novazzjoni oggettiva li jippreciza l-Artikolu 1179 (a) tal-Kodici Civili fejn hi kondizzjoni essenzjali l-intenzjoni tal-partijiet. Hi ligi espressa, ex-Artikolu 1180(2) ta' l-istess Kodici, illi n-novazzjoni ma tistax tigi prezunta u, anzi, li l-intenzjoni li ssir ghandha tirrizulta bic-car. Ara "**Paul Koludrovich -vs- Carmelo Muscat**", Appell Civili, 25 ta' Mejju, 1956. Jinghad, imbaghad, b'citazzjoni mil-**Laurent *("*Principii di Diritto Civile**" Vol. XVIII para. 260), "*dicendo che la novazione non si presume, la legge traccia ai giudici la regola da seguire nell'apprezzamento dei fatti e delle convenzioni intervenute tra le parti, e attribuisce loro con cio implicitamente il diritto di apprezzare i fatti e le circostanze per decidere se vi è novazione*". Ara "**Maria Zahra -vs- Carmelo Valletta *et***", Appell Civili, 27 ta' April, 1962. Barra minn dan il-hsieb huwa wkoll insenjament tal-Qrati fejn dawn jaffermaw illi "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-antika ma tigix maqtula izda sempliciment modifikata (ara "**Antonio Sammut -vs- Antonio Mifsud**", Appell Inferjuri, 14 ta' Settembru, 1943 ghaliex billi ssir modifikazzjoni fi ftehim ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra (ara "**Spizjar George Mallia -vs- Joseph Azzopardi**", Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Gunju, 1951). Fl-ottika tal-provi, anke kieku stess wiehed joqghod ghall-Affidavit ta' Richard Micallef (fol. 14), in-novazzjoni oggettiva f'dan il-kaz hi eskluza, anke ghaliex ma ttirizultax b'mod sufficjentement car u univoku;

(4) Hlief ghal dan l-uniku kumment, mill-kumplament, in bazi ghar-riflessjonijiet superjorment maghmula, ma humiex gustifikati l-aggravji ta' l-intimat appellant fuq il-bazi minnu ikkoncepita. U la dan huwa hekk, is-sentenza appellata ser ikollha tigi konfermata.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra senjalati mill-Bord li Jirregola l-Kera, l-appell mis-sentenza preliminari qed jigi michud u dik l-istess sentenza kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-intimat appellant. L-atti qeghdin jigu rimessi lura

lill-Bord ghall-kontinwazzjoni u decizjoni tat-talba u ta' l-eccezzjonijiet l-ohra li fadal.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------